7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the Recruitment Porta **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is **5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 6th November, 2020**. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-People Management, fid-Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt).

It-23 ta' Ottubru, 2020

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

23rd October, 2020

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Pożizzjoni ta' Projects Officer għall-Proġett tal-UE (Aġenda Ewropea għat-Tagħlim tal-Adulti) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Projects Officer għall-proġett tal-UE (Aġenda Ewropea għat-Tagħlim tal-Adulti) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1. Persuna magħżula tidħol f'inkarigu sal-31 ta' Diċembru, 2021, bħala Projects Officer għall-proġett tal-UE (Aġenda Ewropea għat-Tagħlim tal-Adulti) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Position of Projects Officer for the EU Project (EU Agenda for Adult Learning) in the Ministry for Education and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Educations Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary within the Ministry for Education and Employment invites applications for the position of Projects Officer for the EU project (EU Agenda for Adult Learning) in the Ministry for Education and Employment.

Duration of Assignment and Conditions

2.1. A selected candidate will enter into an assignment until 31st December, 2021, as a Projects Officer for the EU project (EU Agenda for Adult Learning) in the Ministry for Education and Employment, which may be renewed for further periods.

2.2. Il-pożizzjoni ta' Projects Officer għall-proġett tal-UE (Aġenda Ewropea għat-Tagħlim tal-Adulti) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3. Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, dan jikkostitwixxi raġuni oġġetiva skont Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 liġġib l-isem ta' 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss'.

2.4. Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li j/tinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu/tagħha, j/tista' j/tapplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa/hija għandu/ha bħalissa.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Projects Officer huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2020 hu €21,933 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €447.33 sa massimu ta' €24,617.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Projects Officer għall-proġett tal-UE (Aġenda Ewropea għat-Tagħlim tal-Adulti) jinkludu li:

i. jassisti fit-tmexxija ta' implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet ta' proġetti b'rabta ma' proġetti ta' edukazzjoni għall-adulti inkluż l-Aġenda tal-UE għat-Tagħlim għall-Adulti;

ii. jassisti fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' xogħol, inkluż l-iffissar ta' kompiti, l-iskadenzi u l-monitoraġġ tal-progress tal-Proġett;

iii. jassisti fit-tħejjija tal-progress u kwalunkwe rapport ieħor relatat mal-Proġett kif meħtieġ, u jtella' informazzjoni fuq is-siti elettroniċi u l-pjattaformi tal-Proġett;

iv. jassisti fit-tmexxija tal-informazzjoni relattiva kollha dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-UE u jiżgura li l-azzjoni kollha meħtieġa tittieħed fil-ħin;

v. jirrekordja l-attivitajiet pertinenti kollha, inkluż il-ġabra ta' rekords adegwati li għandhom iservu ta' bażi għal ġestjoni finanzjarja tajba;

vi. taħt id-direzzjoni tal-Maniġer tal-Proġett, jorganizza u jipparteċipa fil-laqgħat rilevanti kull meta applikabbli u meħtieġ;

vii. jassisti fil-kumpilazzjoni tat-talba għall-kwotazzjonijiet, id-dokumenti tat-tenders u l-proċessi tal-għażla u kwalunkwe dmir ieħor relatat;

2.2. The position of Project Officer for the EU project (EU Agenda for Adult Learning) constitutes an objective reason which is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3. Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4. An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

Salary Pegged to the Position

3. The salary attached to the position of Project Officer is equivalent to Salary Scale 9, which in the year 2020 is, €21,933 per annum rising by annual increment of €447.33 up to a maximum of €24,617.

Duties

4. The job duties for the position of Projects Officer for the EU project (EU Agenda for Adult Learning) include:

i. assist in the managing of effective implementation of project actions in relation to adult education projects including the EU Agenda for Adult Learning;

ii. assist in the development of work plans, including setting tasks, deadlines and monitoring progress of the Project;

iii. assist in the preparation of progress and any other Project related reports as required, and uploading of information on the Project websites and platforms;

iv. assist in the management of all the relative information on implementation of the EU projects and assurance that all action required is taken in a timely manner;

v. recording of all pertinent activities, including compiling adequate records which should serve as a basis for sound financial management;

vi. under the direction of the Project Manager, organise and participate in the relevant meetings whenever applicable and required;

vii. assisting in the compilation of request for quotations, tender documents and selection processes and any other related duties;

viii. jikkordina mal-partijiet interessati, dipartimenti u sezzjonijiet rilevanti għat-tmexxija tajba tal-attivitajiet tal-Proġett;

ix. iżomm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa għall-Proġett kif ukoll ittella' d-dokumentazzjoni meħtieġa u jiżgura l-manutenzjoni tal-Fajls tal-Proġett bl-aħjar mod;

x. kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ; u

xi. kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

viii. liaising with the relevant stakeholders, departments and sections for the smooth running of the Project activities;

ix. maintaining all the necessary documentation for the Project as well as uploading the necessary documentation and ensuring an optimal upkeep of Project Files;

x. undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required; and

xi. any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

iii. ikollhom degree ta' Baċellerat rikonoxxuta f'livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fl-Arts jew Education jew Law jew Media jew Knowledge Science jew Diplomatic Studies jew European Studies jew Social Sciences jew Communications jew Policy jew Statistics jew Economics jew Management jew Accountancy jew kwalifika professjonali komparabbli;

u

iv) sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

5.2. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalfika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

5.3. Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. in possession of a recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Arts or Education or Law or Media or Knowledge Science or Diplomatic Studies or European Studies or Social Sciences or Communications or Policy or Statistics or Economics or Management or Accountancy or a comparable professional qualification;

and

iv) one (1) year relevant work experience.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 180 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

5.2. Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent*.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60 ECTS/ECVET credits. The advice of teh MQRIC may be sought.

5.3. Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

5.4. L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from date of application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.5. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5. Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.6. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.6. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Submission of Supporting Documents

6.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt).

6.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

7.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.2, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, permezz tal-portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar

Submission of Applications

8.1. Applications are to be submitted, through the Online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable which have been issued not earlier than one (1) month from the date

minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jiġu sottomessi permezz tal-portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-**5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2020**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4. Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Ottubru, 2020

of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal.

The closing date of the receipt of applications is **5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 9th November, 2020**. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx)

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for application.

23rd October, 2020

EU Agenda for Adult Learning

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

SERVIZZ PUBBLIKU TA' MALTA

Post ta' Manager II (People Management) fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Nies u Standards), Uffiċċju tal-Prim Ministru, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager II (People Management) fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager II (People Management) huwa ta' Skala ta' Salarju 7, li fl-2020 huwa ta' €24,894 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €28,081.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager II fi Skala ta' Salarju 7 titla' fi Skala ta' Salarju 6 (€26,543 x €596.33 - €30,121 fis-sena 2020) wara tliet (3) snin servizz bħala Manager II fi Skala ta' Salarju 7, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-persuni maħtura jkunu wkoll intitolati għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.6 Ġaladarba jiġu appuntati għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-persuni maħtura jiġu rikjesti biex jirrifjutaw kwalunkwe applikazzjoni oħra li attwalment il-proċess tagħha fi ħdan is-Servizz Pubbliku għadu għaddej u li dakinhar tad-data tal-ħatra jkun għadu pendenti, bla ebda preġudizzju għas-sejħiet tal-applikazzjoniet tas-SAAC (li tinkludi wkoll l-Assistenti Diretturi).

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qed tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

MALTA PUBLIC SERVICE

Post of Manager II (People Management) in the Malta Public Service

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (People and Standards), Office of the Prime Minister, invites applications for the post of Manager II (People Management) in the Malta Public Service.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager II (People Management) is Salary Scale 7, which in the year 2020 is €24,894 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €28,081.

2.4 A Manager II in Salary Scale 7 will progress to Salary Scale 6 (€26,543x €596.33 - €30,121 in 2020) on completion of three (3) years service as Manager II in Salary Scale 7, subject to satisfactory performance.

2.5 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.6 Upon appointment, appointees would be requested to renounce to other applications currently in process within the Public Service which is/are pending at the time of this appointment, without prejudice to SAAC calls (including Assistant Directors).

2.7 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-People Management, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

L-għan huwa li jiżgura li l-organizzazzjoni tippromovi li n-nies huma l-aktar assi importanti b'enfasi fuq l-aspett tad-dimensjoni umana tal-forza tax-xogħol. L-għan huwa li jippromovi l-iżvilupp personali u s-sodisfazzjon personali tal-impjegati tas-Servizz Pubbliku, filwaqt li tinżamm ukoll l-enfasi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni lejn servizz ta' eċċellenza. Dan ir-rwol huwa kumplimentari għall-funzjoni tar-Riżorsi Umani.

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager II (People Management) jinkludu li :

i. Jikkollabora mad-Diviżjoni dwar Nies u Standards dwar il-politika u l-proċessi relatati mal-People Support u Wellbeing;

ii. Jiltaqa' u jappoġġa b'rispons kostruttiv lill-impjegati u jirreferi għat-taħriġ, gwida, ikkowċjar kif meħtieġ;

iii. Jipprovdi gwida u jirreferi għal mezzi xierqa ta' appoġġ kif u meta jkun meħtieġ;

iv. Jamministra relazzjonijiet tal-impjegati kumplessi bħal ilmenti, assenzi u rtirar;

v. Iwettaq intervisti ma' min ikun se jħalli l-organizzazzjoni u jiġbor tali data biex jipprovdi rispons lid-Diviżjoni dwar Nies u Standards;

vi. Jidentifika u jippromovi opportunitajiet ta' teambuilding u taħriġ fost l-impjegati;

a. Appointees within the Managerial/Officer/Practitioners streams must have served in their current post, and are to serve in this post for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in the area of People Management, in accordance with established vacancies.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

The objective is to ensure that the organisation promotes that the People are the most important asset with emphasis on the human dimension aspect of the workforce. The aim is to promote self-development and personal satisfaction of the Public Service employees, while also keeping the focus on reaching the objectives of the organisation towards a service of excellence. This role is complementary to the Human Resource function.

3. The job duties for the post of Manager II (People Management) include:

i. Liaises with the People and Standards Division on policy and processes related to People Support and Wellbeing;

ii. Meets and supports with constructive feedback to the employees and refers for training, guidance, coaching as necessary;

iii. Provides guidance and refers to proper support channels as and when required;

iv. Manages complex employee relations such as grievances, absences and retirement;

v. Performs exit interviews and collates such data to provide feedback to People & Standard Division;

vi. Identifies and promotes team building and training opportunities amongst employees;

vii. jidentifika u jqabbel l-opportunitajiet tax-xogħol mal-ħiliet u l-potenzjal tal-impjegati;

viii. Jirreferi lis-Senior Management nuqqasijiet identifikati fl-iżvilupp ta' maniġers fir-rigward tal-ikkowċjar, is-smigħ u r-riżoluzzjoni tal-ilmenti tal-impjegati, u l-pariri li jingħataw lill-impjegati;

ix. Jiltaqa' mal-impjegati biex jidentifika b'mod proattiv oqsma li jeħtieġu titjib. Jaqħmel abbozz ta' rapporti ta' evalwazzjoni għall-konsiderazzjoni tal-management u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni magħmula;

x. Jagħmel management conferences mal-impjegati;

xi. Japplika prattika ta' riżoluzzjoni ta' kunflitt fost l-impjegati fuq il-post tax-xogħol u jisma' l-problemi li l-impjegati jkollhom mal-kollegi u l-managers, u jirreferi r-rispons kif meħtieġ lill-management ta' livell ogħla biex jiddiskuti pjan ta' azzjoni biex tiġi korretta l-kwistjoni.;

xii. Jagħti pariri lis-Senior Management dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw harassment u kwistjonijiet oħra ta' relazzjonijiet bejn l-impjegati. Jagħmel deċiżjonijiet infurmati u/jew rakkomandazzjonijiet lis-superjuri tiegħu/tagħha dwar kwistjonijiet strateġiċi, ta' politika, materji proċedurali u operattivi u ppjanar relatat ma' People Standards.

xiii. Isegwi r-rakkomandazzjonijiet biex jiżgura li l-miżuri korrettivi ta' appoġġ għall-impjegat jitwettqu b'mod effettiv;

xiv. Jevalwa l-effettività tal-governanza tal-People Management tal-Ministeri, il-ġestjoni tar-riskju u l-oqfsa ta' kontroll biex tiġi żgurata konformità leġiżlattiva u regolatorja;

xv. Ikun flessibbli billi jżur id-diversi oqsma tax-xogħol biex jiltaqa', jappoġġja u jevalwa b'mod regolari l-impjegati biex jiddetermina s-sodisfazzjon fix-xogħol, u l-livelli tal-istandards tas-servizz pubbliku rigward il-professjonaliżmu, l-attendenza u l-prestazzjoni tax-xogħol;

xvi. Iwettaq dmirijiet oħra kif assenjati mis-Senior Management minn żmien għal żmien; u

xvii. Iwettaq kwalunkwe dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

vii. Identifies and matches job opportunities with employees' skills and potential;

viii. Refers to senior management identified gaps for the development of managers in respect of coaching, hearing and resolving employee grievances, and counselling employees;

ix. Reaches out to employees to identify in a proactive manner areas which need improvement. Drafts evaluation reports for the consideration of management and the implementation of any recommendations made;

x. Schedules management conferences with employees;

xi. Applies conflict resolution practice amongst employees at the place of work and listens to problems employees have with co-workers and managers, and refers feedback as needed to upper-level management to discuss a plan of action to correct matter;

xii. Advises senior management on policy issues concerning harassment and other employee relations matters. Makes informed decisions and/or recommendations to his/her superiors on strategic, policy, procedural and operational matters and People Standards related planning;

xiii. Follows up on recommendations to ensure that corrective measures to support the employee are effectively made;

xiv. Assesses the effectiveness of line Ministries' People Management governance, risk management and control frameworks to ensure legislative and regulatory compliance;

xv. Is flexible by visiting the various work areas to regularly meet, support and evaluate employees to determine job fulfilment, and levels of public service standards on professionalism, attendance, and work performance;

xvi. Carries out any other duties as assigned by Senior Management team from time to time; and

xvii. Any other duties according to the exigencies of the Public Service as Directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

U

iii. (a) ikollhom Masters degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Human Resources Management jew

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

iii. (a) in possession of a recognised Masters degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Human Resources Management

Psikoloġija jew Counselling jew Training u Development jew Leadership u Organisational Behaviour jew Social Sciences;

JEW

(b) (i) ikollhom Masters degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Business jew Management (MBAs) jew Politika Soċjali jew Public Polic jew Amministrazzjoni Pubblika, U

(ii) ikollhom Bachelors degree rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Human Resources Management jew Psikoloġija jew Counselling je Training u Develoment jew Leadership u Organisational Behaviour jew Social Sciences.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/EVCET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60/180 krettu ECTS/ECVET kif applikabbli. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters fil-livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 ECTS/ECVET kretti, jew ekwivalenti*.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 4.1 (iii) xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija hawn fuq normalment jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu

or Psychology or Counselling or Training and Development or Leadership and Organisational Behaviour or Social Sciences;

OR

(b) (i) in possession of a recognised Masters degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business or Management (MBAs) or Social Policy or Public Policy or Public Administration; AND

(ii) in possession of a recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Human Resources Management or Psychology or Counselling o Training and Development or Leadership and Organisational Behaviour or Social Sciences.

*In absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits as applicable. The advice of the MQRIC may be sought.

Public Officers applying for the post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters degree at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent*.

*In absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the qualifications as indicated in paragraph 4.1 (iii) will still be considered, provided that they submit evidence that they have obtained the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1(iii) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the

evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jkunu ġabu jew ġew approvati għat-tali kwalifika sal-31 ta' Diċembru, 2020.(sena kif applikabbli) Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra tiġi, ipso facto, awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra (b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1(iii) jew 4.2.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

v. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a. ċittadini ta' Malta;

b. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

c. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*) fil-Management, jew Accounting, jew Ekonomija, jew Banking, jew Finanzi, jew Studji Legali, jew Xjenza, jew Studji Soċjali, jew Psikoloġija, jew IT, jew Kriminoloġija, jew kwalifika professjonali komparabbli. Kwalifika fil-Livell 6 tal-MQF f'suġġetti oħra minnbarra dawk imsemmija jistgħu jkunu kkunsidrati.

d. għalqu it-tmintax-il (18) sena iżda mhux id-disgħa u tletin (39) sena sat-13 ta' Novembru, 2020.

e. ta' karattru morali tajjeb u jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu dettalji. Kull applikant huwa wkoll mitlub sabiex jissottometti dikjarazzjoni bil-miktub rigward proċeduri kriminali u/jew dixxiplinarji li ttieħdu kontrih/a fil-passat u/jew li għadhom pendenti.

f. applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi u/jew heavy body piercing u/jew modifiki tal-ġisem jiġu kkunsidrati skont il-każ, suġġett li tali tatwaġġi/body piercing ikunu koperti meta jintlibes flokk/qmis tal-uniformi, u suġġett li l-kontenut tal-istess tatwaġġi mhuwiex offensiv, razzjali, eċċ.

Duties

3. The job duties for the post of Police Inspector include:

i. Investigates and detects crime;

ii. Prosecutes before the Courts of Magistrates;

iii. Responsible for the general management of the station/branch in which they are posted;

iv. Undertakes any other tasks, as assigned by the Commissioner of Police;

v. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. citizens of Malta;

b. have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c. in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECT/ECVETS credits or equivalent*) in Management, or Accounting, or Economics, or Banking, or Finance, or Legal Studies, or Science, or Social Studies, or Phsychology, or IT or Criminology, or a comparable professional qualification. Qualification at MQF Level 6 in other subjects other than the aforementioned may be considered.

d. have attained their eighteenth (18) birthday but not their thirty-ninth (39) birthday on 13th November, 2020.

e. be of good moral character (applicants must produce a Certificate of Conduct issued by the police or another competent authority not earlier than one (1) month from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details. All applicants will also be asked to submit a written declaration about past and/or pending criminal and disciplinary cases.

f. applications by candidates having tattoos and/or heavy body piercing and/or body modifications will be considered on a case-by-case basis, subject that such tattoos/piercing are covered by a uniform shirt/t- shirt, and subject that content of same tattoos is not offensive, racial, etc.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti*.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija f'paragrafu 4.1 (c) jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sat-30 ta' Novembru, 2020.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar l-ECTS/ECVET krettri jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 180/60 ECTS/ECVET, kretti, skont il-każ. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

4.3 Tingħata kunsiderazzjoni lill-applikanti li barra mir-rekwiżiti indikati f'paragrafi 4.1 sa 4.2, għandhom esperjenza rilevanti u ppruvata.

4.4. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kienux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

Public Officers applying for the post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for elgibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*.

Moreover candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications as indicated in paragraph 4.1(c) will still be considered, provided that they submit evidence that they have obtained the qualification or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a higher MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by not later than 30th November, 2020.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 180/60 ECTS/ECVET credits, as applicable. The advice of the MQRIC may be sought.

4.3 Due consideration will be given to applicants who besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.2 above, have proven relevant work experience.

4.4 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from date of application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have even been in Government Service, giving details).

4.6. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.8 Din is-sejħa pubblika qed tiġi ppubblikata fl-istess waqt ma' sejħa dipartimentali għall-post ta' Spettur fil-Korp tal-Pulizija kif ippubblikata nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ottubru 2020 permezz taċ-ċirkulari numru HR/36/2020. Applikanti li jgħaddu taħt is-sejħa dipartimentali jingħataw preċedenza fuq dawk li jgħaddu taħt is-sejħa pubblika. Barra minn hekk, persuna tista' tiġi kkunsidrata għall-ħatra biss jekk ikun hemm vakanza fi żmien tal-validità tar-riżultat.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) taħt Uniformed and Security.

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

L-Ewwel Parti – Effiċjenza Fiżika/General Ability Test/ Intervista/Test Mediku

6.1 L-applikanti kollha eliġibbli li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għal test ta' effiċjenza fiżika, taħt bord ta' għażla maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skont l-istandards tal-Korp tal-Pulizija.

Il-livell minimu tat-Test fl-Effiċjenza Fiżika hu magħmul minn dawn it-tliet partijiet:

	Età	Irġiel	Nisa
1 Mile Run	18 - 31	10 min.	12 min.
	32 +	10.30 min.	12.30 min.
Push-Ups (Repetizzjonijiet)	18 - 31	15	10
	32 +	13	8

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.8 This public call is being published in concurrence with a departmental call for the post of Police Inspector in the Malta Police Force as published on Friday 23rd October 2020 through Circular No HR/36/2020. Applicants who are successful under the departmental call will be given precedence over those who are successful under the public call. Appointment is moreover subject to the availability of vacancies within the validity period of the result.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) (under Uniformed and Security).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

Part One – Physical Efficiency/General Ability Test/ Interview/Medical Test

6.1 All eligible applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to be held under a Selection Board appointed by the Commissioner of Police, to ensure fitness to Malta Police Force standards.

The minimum standards of the Physical Efficiency Test will comprise the following three components:

	Age	Males	Females
1 Mile Run	18 - 31	10 mins	12 mins
	32+	10.30 mins	12.30 mins
Push-ups (Repetitions)	18 - 31	15	10
	32+	13	8

Sit-Ups (Repetizzjonijiet)	18 - 31	25	20
	32 +	20	15

Il-kandidati jridu mill-inqas jilħqu l-istandard minimu f'kull parti tas-test fl-effiċjenza fiżika, biex jitqiesu li għaddew mit-Test ta' Effiċjenza Fiżika. Il-kandidati li ma jgħaddux f'xi wieħed mill-partijiet tat-Test fl-Effiċjenza Fiżika jkunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għal re-sit ta' dak it-test partikolari fi żmien ġimgħa wara li jkun sar l-ewwel test komplut. Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-test fl-effiċjenza fiżika li jitħallew ikomplu fil-proċess tal-għażla.

6.2 Applikanti li jkunu għaddew it-test fl-effiċjenza fiżika b'suċċess huma mitluba sabiex jagħmlu test mediku preliminari.

6.3 Dawk il-kandidati kollha li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-test fl-effiċjenza fiżika ikunu meħtieġa li joqogħdu għal General Ability Test (GAT).

6.4 Dan il-proċess jikkonsisti f'General Ability Test (GAT) permezz tal-kompjuter, kompletament awtomatizzat, li permezz tiegħu l-applikanti jkunu assessjati fil-ħiliet verbali, numeriċi u astratti, fuq bażi tar-rispons tagħhom għal sett ta' mistoqsijiet. Il-kandidati jridu jġibu marka ta' 65% biex jgħaddu mit-test. Il-General Ability Test (GAT) ikun immexxi mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu minn dan it-test li jipproċedu għal fażi suċċessiva tal-proċess tal-għażla.

6.5 Il-kandidati li jkunu għaddew mill-General Ability Test (GAT) ikunu jeħtieġu li joqogħdu għal intervista strutturata. L-intervista tkun immexxija minn bord ta' selezzjoni stabbilit mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

6.6 Waqt l-intervista l-kandidati jiġu mitluba jagħtu preżentazzjoni ta' ħames (5) minuti dwar suġġett tal-għażla tagħhom. Huwa permessibli li jintuża kwalunkwe mezz sabiex jassisti l-kandidat waqt il-preżentazzjoni tiegħu, bħal pereżempju 'Power Point presentation'.

6.7 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.8 L-applikanti li jgħaddu jridu joqogħdu għall-eżami mediku sabiex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

It-Tieni Parti – Eżami ta' Kwalifika

Sit-Ups (Repetitions)	18 - 31	25	20
	32+	20	15

Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fall in one component will be allowed to re-sit that one particular component within a week from the first complete component. Only candidates who pass in all the components of the physical test will proceed to the next phase of the selection process.

6.2 Applicants who pass the Physical Efficiency Test will be required to undergo a preliminary medical test.

6.3 Following the successful completion of the physical efficiency test candidates will be required to undergo a General Ability Test (GAT).

6.4 This process will consist of a fully automated computer-based general ability test, whereby applicants will be tested in verbal, numerical and abstract ability on the basis of their response to an established set of questions. Candidates must obtain a 65% rating to pass the test. The general ability test will be conducted by the Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations. Only candidates who are successful in the general ability test will proceed to the next phase of the selection process.

6.5 Following the successful completion of the General Ability Test (GAT), candidates will be required to sit for a structured interview. The interview will be conducted by a selection board established by the Malta Police Force.

6.6 During the interview candidates will also be required to deliver a five (5) minute long lecturette on a subject of their choice. During the lecturette, applicants may use their choice of lecture aids, such as Power Point presentation.

6.7 Related experience and past performance of candidates will be given due consideration.

6.8 Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

Part Two – Qualifying Examination

7.1 Applikanti li jgħaddu mill-ewwel parti tal-proċess tal-għażla jkunu meħtieġa li jattendu lectures (part-time) organizzati mill-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati filgħaxija, bi tħejjija għall-eżami tal-kwalifika.

Dan l-eżami ikun jikkonsisti fi:

Karta I Police Leadership and Management Karta II Investigazzjonijiet

Karta III Liġijiet u Prosekuzzjoni

7.2 Il-Kandidati li jiġu dikjarati li għaddew mill-eżami tal-kwalifika jkunu eleġibbli biex jiġu maħtura Spetturi tal-Pulizija bi prova għal sentejn (2), skont in-numru ta' vakanzi li jkunu jeżistu fil-Korp.

7.3 Għal skop ta' ħatra, l-ordni finali tal-mertu, jiġi meqjus fuq il-marki totali miksuba fl-eżami tal-kwalifika (para. 7.1).

7.4 Huma biss dawk il-kandidati li jeħlu minn suġġett wieħed biss li jkunu eliġibbli sabiex joqogħdu għal re-sit. Dawk il-kandidati li jgħaddu mill-eżami tar-re-sit jingħataw marka ta' 50% u jiġu fl-ordni tal-mertu wara dawk il-kandidati li jkunu għaddew mill-eżamijiet kollha mill-ewwel.

7.5 Eżamijiet supplimentari jsiru biss f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali.

It-Tielet Parti – Eżami ta' Konferma

8.1 Barra milli jingħataw dmirijiet normali tal-Pulizija konnessi mal-grad tagħhom, l-Ispetturi tal-Pulizija maħtura bi prova, jeħtieġ ukoll li jattendu lectures f'suġġetti relatati mal-Pulizija u materji legali inklużi fil-kors part-time organizzat mill-Università ta' Malta li jwassal għal Diploma in Policing. L-eżami finali ta' din id-Diploma jikkostitwixxi t-tielet parti – eżami ta' konferma – ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.2 Spetturi tal-Pulizija bi prova li ma jgħaddux fl-eżami ta' konferma msemmi fil-paragrafu 8.1, jingħataw opportunità oħra biex jerġgħu joqogħdu għal eżami finali tal-kors tad-Diploma. Jekk jerġgħu jeħlu, in-nomina tagħhom bħala Spetturi fil-Pulizija bi prova tiġi mitmuma ipso facto.

9. L-Ispetturi tal-Pulizija bi prova jiġu assessjati fuq dmirijiethom kull erba' (4) xhur u r-riżultati jiġu kkomunikati lilhom regolarment. Fil-perjodu ta' prova Spetturi ta' Pulizija bi prova li ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell f'erba' (4) mit-testijiet ikollhom il-ħatra tagħhom mitmuma.

7.1 Applicants who are successful in Part One will be required to attend lectures (part-time) organised by the Academy for Disciplined Forces during the evening, in preparation for the Qualifying Examination.

This examination will consist of:

Paper I Police Leadership and Management Paper II Police Investigations

Paper III Laws and Prosecution

7.2 Candidates who are declared as having been successful in the Qualifying Examination will be eligible to be appointed Probationary Police Inspectors for a two-year period, depending on the number of vacancies available.

7.3 For the purpose of appointment, the final order of merit will be determined by the total marks obtained in the qualifying examination (para. 7.1).

7.4 Only candidates who fail in one paper are permitted to sit for a re-sit. Those who pass the re-sit exam will be awarded a pass mark of 50% and will be placed in the order of merit after those candidates who had passed all their exams in the first attempt.

7.5 Supplementary exams are only permitted in exceptional circumstances.

Part Three – Confirmation Examination

8.1 Besides being assigned the normal police duties pertaining to their rank, Probationary Police Inspectors will, on appointment, also be required to attend lectures in policing and legal subjects comprising of the part-time University of Malta course leading to the Diploma in Policing. The final examination of this Diploma course will constitute Part Three – Confirmation Examination – of this call.

8.2 Probationary Police Inspectors who are not successful in the Confirmation Examination referred to in para 8.1 will be given another chance to re-sit the final examination of the Diploma course. If they fail again, they will have their probationary appointment terminated ipso facto.

9. The all round performance of Probationary Police Inspectors will be assessed every four months and the results will be duly communicated to them. Probationary Police Inspectors who fail to attain the required standard in any four assessments will have their appointment terminated.

10. Spetturi ta' Pulizija bi prova li jgħaddu mit-tielet parti - eżami ta' konferma, jiġu kkonfermati fil-ħatra tagħhom bħala Spetturi tal-Pulizija.

11. Spetturi tal-Pulizija huma mistennija li jservu lill-Gvern ta' Malta għal perjodu ta' erba' (4) snin u jkunu mitluba li jagħmlu kuntratt fejn jintrabtu li jagħtu garanzija ta' twettiq ta' servizz.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

12.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt) taħt Uniformed and Security. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra, skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom ikunu mibgħuta permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-**5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, 2020**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

12.2 L-applikanti wara jiġu mitluba sabiex jattendu fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani sabiex jitkejlu u jimlew formola addizzjonali bħala parti mill-applikazzjoni. Din il-formola għandha timtela fil-preżenza tal-Uffiċjali nkarigat mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani u/jew Uffiċjal appuntat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Żewġ (2) ritratti riċenti daqs tal-passaport huma wkoll meħtieġa.

12.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

12.4 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

12.5 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

13. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

10. Probationary Police Inspectors who are successful in Part Three will be confirmed in their appointment as Police Inspectors.

11. Police Inspectors will be required to serve Government as Inspectors of Police for a period of four (4) years and will be required to sign an appropriate undertaking to that effect.

Submission of Applications

12.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Commissioner of Police, Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt) under Uniformed and Security. Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is **5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 13th November, 2020**. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

12.2 Applicants will then be required to attend at the Human Resources Branch to have their height taken and fill in an Additional Information Sheet, as part of the application process. This Additional Information Sheet is to be filled in the presence of the Officer in charge Human Resources and/or another officer appointed by the Commissioner of Police. Furthermore, applicants are also to submit two (2) recent passport-sized photographs.

12.3 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

12.4 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

12.5 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

13. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (www.pulizija.gov.mt) u (hr.police@gov.mt).

It-23 ta' Ottubru, 2020

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, and email address of the receiving Department are (www.pulizija.gov.mt) and (hr.police@gov.mt).

23rd October, 2020

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Manager I (Accounting and Finance) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I (Accounting and Finance) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager I (Accounting and Finance) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2020 huwa ta' €20,603 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €23,049.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager I titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€21,933 x €447.33 - €24,617 fis-sena 2020) wara

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Manager I (Accounting and Finance) in the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (Finance and Administration), Office of the Prime Minister invites applications for the post of Manager I (Accounting and Finance) in the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager I (Accounting and Finance) is Salary Scale 10, which in year 2020 is €20,603 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €23,049.

2.4 A Manager I will progress to Salary Scale 9 (€21,933 x €447.33 - €24,617 in 2020) on completion of two (2)

sentejn (2) servizz fil-grad fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Manager I titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€23,358 x €486.83 - €26,279 fis-sena 2020) wara ħames (5) snin servizz fil-grad fi Skala ta' Salarju 9, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Persuna fil-grad ta' Manager I titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€24,894 x €531.17 - €28,081 fis-sena 2020) wara tliet (3) snin servizz fil-grad fi Skala ta' Salarju 8, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.7 Il-persuni maħtura jkunu wkoll intitolati għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

a. Il-persuni maħtura jkunu intitolati għal benefiċċji oħra u suġġetti għall-kundizzjonijiet u l-obbligi li huma stipulati fil-Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel.

2.8 Ġaladarba jiġu appuntati għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-persuni maħtura jiġu rikjesti biex jirrifjutaw kwalunkwe applikazzjoni oħra li attwalment il-proċess tagħha fi ħdan is-Servizz Pubbliku jkun għadu għaddej u li dakinhar tad-data tal-ħatra jkun għadu pendenti, bla ebda preġudizzju għas-sejħiet tal-applikazzjonijiet tas-SAAC (li tinkludi wkoll l-Assistenti Diretturi).

2.9 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qed tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.10 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet

years service in the grade in Salary Scale 10, subject to satisfactory performance.

2.5 A Manager I will progress to Salary Scale 8 (€23,358 x €486.83 - €26,279 in 2020) on completion of five (5) years service in the grade in Salary Scale 9, subject to satisfactory performance.

2.6 A Manager I will progress to Salary Scale 7 (€24,894 x €531.17 - €28,081 in 2020) on completion of three (3) years service in the grade in Salary Scale 8, subject to satisfactory performance.

2.7 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

a. Appointees will also be entitled to such other benefits and such other conditions and obligations as stipulated in the Working Conditions for Officers within the Management Stream for Qualified Personnel.

2.8 Upon appointment, appointees would be requested to renounce to other applications currently in process within the Public Service which is/are pending at the time of this appointment, without prejudice to SAAC calls (including Assistant Directors).

2.9 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the Managerial/Officer/Practitioners streams must have served in their current post, and are to serve in this post, for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.10 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in the area of

xi mkien ieħor fil-qasam tal-Accounting and Finance, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.11 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager I (Accounting and Finance) jinkludu li:

i. Ikun responsabbli għall-iproċessar f'waqtu ta' tranżazzjonijiet fiskali u finanzjarji, verifiki, rekordjar, rendikonti u rikonċiljazzjoni;

ii. Ikun responsabbli għall-korrettezza ta' żamma bażika ta' kotba u dokumenti oħrajn ta' accounts u t-twettiq ta' xogħol rigward il-proċess bankarju ta' rikonċiljazzjoni tal-Kont Pubbliku;

iii. Ikun responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' leġiżlazzjoni, politiki, direzzjonijiet, proċeduri u linji gwida fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg jew Ministeru jew mal-Gvern;

iv. Ikun responsabbli għall-manutenzjoni u l-kontroll tal-kontijiet, bħalma huma kontijiet below-the-line u voti u jevalwa wkoll il-virements fi ħdan il-voti kif ukoll it-talbiet għal finanzjament addizzjonali;

v. Jikkordina r-rilaxx ta' fondi permezz ta' mekkaniżmi varji u l-ġbir ta' dħul finanzjarju, japprova tranżazzjonijiet kif ikun ordnat, jirrevedi management accounts, stqarrijiet ta' likwidità u rapporti finanzjarji oħra bħala parti mill-proċess;

vi. Jikkontribwixxi għall-ippjanar u l-kontroll ta' baġit, u fil-kumpilazzjoni tal-Business and Financial plan;

vii. Jivvaluta l-allokazzjonijiet baġitarji u t-tbassir tad-dħul fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern, kemm għas-sena ta' wara kif ukoll fuq bażi ta' Business and Financial plan ta' tliet snin, u l-monitoraġġ kontinwu tagħhom matul is-sena;

viii. Jagħti kontribut fl-interpretazzjoni tal-accounts finali u jipparteċipa fl-analiżi u r-reviżjonijiet tal-valur għall-flus;

ix. Jirrappreżenta lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg jew lill-Ministeru f'laqgħat u konferenzi, kemm lokali kif ukoll internazzjonali, u jipparteċipa fi gruppi ta' ħidma kif ikun mitlub;

x. Jikkontribwixxi u jassisti fil-kumpilazzjoni ta' rapporti varji;

Accounting and Finance, in accordance with established vacancies.

2.11 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Manager I (Accounting and Finance) include:

i. Responsible for the timely and correct processing of fiscal and financial transactions, verifications, recording, tracking and reconciliation;

ii. Responsible for the correctness of basic bookkeeping and other accounting documents, including performing work on the bank reconciliation process of the Public Account;

iii. Responsible for the implementation and enforcement of legislation, policies, directions, procedures and guidelines in the Department of Industrial and Employment Relations or Ministry or across Government;

iv. Responsible for the maintenance and control of accounts, such as below-the-line accounts and votes, assessing virements within votes as well as requests for additional funding;

v. Coordinates the release of funds through various mechanisms and the collection of revenue, approving transactions as directed, reviewing management accounts, cashflow statements and other financial reports as part of the process;

vi. Contributes to Budget planning and control, and the compilation of the Business and Financial plan;

vii. Assesses budgetary allocations and revenue forecasts in the Financial Estimates of Government, both for the following year and on the basis of a three-year Business and Financial plan, and their continuous monitoring during the course of the year;

viii. Contributes towards the interpretation of final accounts and participating in value for money analysis and reviews;

ix. Represents the Department of Industrial and Employment Relations or Ministry in meetings and conferences, both locally and abroad and participating in working groups as required;

x. Contributes to and assists in the compilation of various reports;

xi. Iżomm ruħu aġġornat ma' standards ta' accounts, leġiżlazzjoni finanzjarja u politiki tal-Gvern kif mitlub;

xii. Jikkontribwixxi għall-formulazzjoni u l-aġġornament ta' politiki ta' natura finanzjarja kif ikun mitlub minnu;

xiii. Dmirijiet oħra kif ikun meħtieġ mis-superjur/i tiegħu; u

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

xi. Keeps abreast with accounting standards, financial legislation, Government policies as directed;

xii. Contributes towards the formulation and updating of policies of a financial nature as directed;

xiii. Carrying out any other work as directed by his/her superior; and

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

U

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża. Dawk il-kandidati li m'għandomx MQF ta' Livell 1 fil-lingwa Maltija jridu jattendu u jgħaddu b'suċċess fl-assessjar mill-kors 'Maltese Language 1' offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. L-attendenza għal dan il-kors, flimkien mal-kisba tal-MQF tal-Livell 1, għandhom jitlestew qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ.

Jekk il-persuna tonqos milli tippreżenta evidenza li għaddiet il-kors b'suċċess u attendiet sal-aħħar tal-perjodu ta' prova (jiġifieri tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ), awtomatikament tintilef il-kariga msemmija hawn fuq.

U

iii. a. ikollhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti*)

b. ikollhom kwalifika rikonoxxuta professjonali komparabbli fil-Livell 6 tal-MQF

f'Accountancy jew Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddertermina li huwa komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti*.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

AND

ii. able to communicate in the Maltese and English languages. Candidates who do not possess an MQF Level 1 in the Maltese language must attend and be successful in the assessment of the 'Maltese Language 1' course, offered by the Institute for the Public Services. Attendance for such course, together with the attainment of MQF Level 1 are to be completed before confirmation of appointment, i.e. within twelve (12) months from engagement.

Failure to present evidence of successful pass and attendance by the end of probationary period (i.e. twelve (12) months from engagement) will result in automatic termination of the post in caption.

AND

iii. (a) in possession of a recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVETS credits, or equivalent*)

(b) a recognised comparable professional qualification at MQF Level 6

in Accountancy or Business Management or Business Administration or Economics or Banking and Finance.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that is comparable to 180 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

Public Officers applying for the post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVETS credits, or equivalent*).

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddertermina li huwa komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that is comparable to 60 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 4.1 (iii) formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the qualifications as indicated in paragraph 4.1 (iii) will still be considered, provided that they submit evidence that they have obtained the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1(iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jkunu ġabu jew ġew approvati għat-tali kwalifika sal-31 ta' Diċembru, 2020. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra tiġi, ipso facto, awtomatikament terminata.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must be approved for the award of such qualification by the 31st December, 2020. If the stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, ipso facto, automatically terminated.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) jew 4.2.

